MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 953/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Karl Heinrich Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,687.77), bilanc fil-*Credit Card Loan Account* tal-konvenut mal-bank attur, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju, 2009, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata fl-10 ta' Dicembru, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru.

Illi nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, l-konvenut baqa' inadempjenti.
Ra l-affidavit ipprezentat kontestwalement mal-Avviz mill-PL. Francesca Scerri, fejn gie kkonfermat dak kollu premess.

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenut ghat-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ elf, sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,687.77), bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------